**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 6 ta' April 2001.**

Avviz Nru: 1663/00

Direttur tas-Sigurta' Socjali

Vs

Carmel Camilleri bhala amministratur ta' Christopher

Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni tas-somma ta' erba' mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm413.39) bilanc minn somma akbar imhallsa lill-konvenut indebitament bhala ghajnuna socjali minhabba li l-istess Christopher Camilleri kien jahdem u kien baqa' jircievi l-Assistenza Socjali ghall-perjodu bejn il-25 ta' Mejju 1996 u t-8 ta' Novembru 1996.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 t'Awissu 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat il-verbal tat-30 ta' Marzu 2001 fejn dehret Adeodata Camilleri mart il-konvenut li f'isimha u f'isem zewgha ammettiet it-talba tal-atturi.

Rat illi nonostante dan il-konvenut ma deherx biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita' konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fil-kwalita' tieghu premessa jirrifondi lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm413.39c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-5 ta' Dicembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg